# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 113/2021 MH**

**Illum, 4 ta' Gunju, 2021**

**Panta Marketing**

**vs**

**Lara Developments Limited**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tal-11 ta' Frar, 2021** permezz ta' liema ppremettew:

*"Tesponi bir rispett u bil gurament tieghu Diego Attard karta ta l-identita numru 204468 (M), debitament awtorizzat, ghan nom u in rapprezentanza ta' l-istess, bil gurament tieghu jikkonferma:*

*1. Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas socjeta konvenuta fl-ammont ta sebgha u erbghin elf, disa' mija hamsa u tletin punt tmienja zero Ewro (€47,935.80) rapprezentanti prezz ta' zewg "lifts" u xoghol relatat mal installar tal-istess, kif ukoll bejgh ta kwantita ta ghodda tal marka "Hilti" minnha ordnati u accettati skond kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A";*

*2. Illi s-socjeta konvenuta kienet baghtet cekk fl-ammont hawn fuq imsemmi lis socjeta attrici rapprezentanti hlas tal imsemmi ammont, izda dan ic cekk ma ssarrafx meta gie ipprezentat il Bank ghal hlas, u gie ritornat bhala "refer to drawer" u dan skont fotokopja tal-istess cekk hawn anness u mmarkat Dok "B";*

*3. Illi skont dikjarazzjoni guramenata hawn annessa u mmarkata Dok "C" l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil fehma tas socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta sabiex din il kawza tigi deciza bid dispensa tas smiegh billi, fil fehma ta l-istess socjeta attrici, is socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghal hlas ta l-imsemmi ammont;*

*4. Illi ghalkemm li s-socjeta konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont dovut u dan anke b'mod ufficjali hi baqghet inadempjenti u l-ammont ghadu dovut sa 'llum;*

*5. Illi ghalhekk kellha ssir din il kawza;*

*Ghaldaqstant ghar ragunijiet premessi s-socjeta rikorrenti titlob bir rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id dikjarazzjonijiet u l-provedimenti kollha opportuni:*

*1. Taqta u tiddeciedi din il kawza bid dispensa tas smiegh ai termini tal Artikolu 167 sa 170 tal Kapitolu 12 tal Ligijiet ta Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas socjeta konvenuta fl-ammont ta sebgha u erbghin elf, disa' mija hamsa u tletin punt tmienja zero Ewro (€47,935.80) raprezentanti prezz ta' zewg "lifts" u xoghol relatat mal installar tal-istess, kif ukoll bejgh ta kwantita ta ghodda tal marka "Hilti" minnha ordnati u accettati skond kif jirriizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A";*

*3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis socjeta attrici s-somma ta sebgha u erbghin elf, disa' mija hamsa u tletin punt tmienja zero Ewro (€47,935.80) rapprezentanti prezz ta' zewg "lifts" u xoghol relatat mal installar tal-istess, kif ukoll bejgh ta kwantita ta ghodda tal marka "Hilti" minnha ordnati u accettati skond kif jirriizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok "A" kif ukoll l-imghax legali mit-13 ta Awissu 2020,u cioe d-data li fiha gie mahrug ic cekk li ma giex onorat meta gie pprezentat il Bank ghal hlas, skont fotokopja tal istess cekk hawn annessa u mmarkata Dok "B", sad data tal pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal ittra ufficjali li ggib id data tas-17 ta Dicembru 2020, u tal mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma din il-kawza kif ukoll l-imghax legali mit-13 ta Awissu 2020,u cioe d-data li fiha gie mahrug ic cekk li ma giex onorat meta gie pprezentat il Bank ghal hlas, sad-data tal pagament effettiv kontra socjeta konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ingunti ghas subizzjoni taghhom;"*

Rat li dakinhar tas-seduta deher Jeffrey Attard ghas-socjeta konvenuta Lara Developments Limited li ta ruhu b'notifikat bl-avviz ta' smiegh u bl-atti tal-kawza.

Rat li ghalkemm il-Qorti spjegat lilu l-konsegwenza tal-giljottina u drittijiet ta' patrocinju legali, hu ghazel li jammetti t-talbiet u dan anka wara li l-Qorti spjegatlu l-import ta' tali ammissjoni.

Semghet ix-xhieda ta' Diego Attard in rappresentanza tas-socjeta Panta Marketing & Services Limited

Din it-talba ġiet milqugħa in toto .

Il-Qorti fuq l-ammissjoni ta' l-istess konvenuti kif ingħad sopra u wara li l-Qorti spjegat l-import ta' tali ammissjoni qiegħda tilqa t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi b'dana illi tordna l-proċediment ta' dawn il-proċeduri ai terminu ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwent tikkundanna lill-Kumpanija intimata thallas is-somma ta' €47,935.80 (sebgha u erbghin elf, disgha mija u tlieta u tletin Euro u tmenin ċentiżmu) rappresentanti prezz ta' servizzi reżi mill-kumpanija rikorrenti lil intimati konvenuti jew fuq ordni tagħhom,

Bl-ispejjeż u imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**